MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 848/2009

**Simone Cauchi f'isimha proprju u b'digriet tat-30 ta' Novembru 2009 għan-nom ukoll tat-tliet uliedha Amelia, Christian u Mariel Cauchi**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ppreżentat fl-1 ta' Settembru, 2009 li permezz tiegħu l-attriċi Simone Cauchi ppremettet:

Illi in forza ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Familja fl-4 ta' Marzu 2009, hawn annessa u markata Dok A, il-Qorti ordnat illi ċ-ċertifikati tat-twelid tat-tlett minorenni Amelia Cauchi, Dok B; Christian Cauchi, Dok C; u Mariel Cauchi, Dok D; ulied l-attriċi, jiġu korretti fis-sens illi fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom u post tat-twelid ta' l-omm",

kunjom xbubit l-attriċi jiġi ndikat bħala "Cutajar" u mhux "Schembri".

Illi *inoltre*, l-istess Qorti ordnat lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel il-korrezzjoni opportuna fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-attrici billi fil-kolonna intestata "Ġenituri tal-Miżżewġin", isem missier l-attriċi jiġi ndikat bħala "John Cutajar" u mhux "Emanuel Schembri".

Illi jeħtieġ illi jsiru korrezzjonijiet addizzjonali fiċ-ċertifikati tat-twelid tat-tliet minuri markati Dok B, Dok C u Dok D, kif ukoll fiċ-ċertifikat tat-twelid u taż-żwieġ tal-attriċi markati Dok E u Dok F rispettivament.

Igħid għalhekk il-konvenut għar-raġunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, għalfejn m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tordna illi ċ-ċertifikat tat-twelid tal-minorenni Amelia Cauchi, markat Dok B, jiġi korrett fis-sens illi fil-kolonna intestata 'Isem u kunjom il-missier u jekk hux ħaj jew mejjet', il-kliem 'Emanuel Schembri *(Alive)*' jiġu sostitwiti bil-kliem 'John Cutajar *(Alive)'*.

2. Tordna illi ċ-ċertifikat tat-twelid tal-minorenni Mariel Cauchi, markat Dok D, jiġi korrett fis-sens illi fil-kolonna intestata 'Isem u kunjom il-missier u jekk hux ħaj jew mejjet', il-kliem 'Emanuel Schembri *(Alive)*' jiġu sostitwiti bil-kliem 'John Cutajar *(Alive)*'.

3. Tordna illi ċ-ċertifikat tat-twelid tal-minorenni Christian Cauchi, markat Dok C, jiġi korrett fis-sens illi fil-kolonna intestata 'Isem u kunjom il-missier u jekk hux ħaj jew mejjet', il-kliem 'Emanuel Schembri *(Alive)*' jiġu sostitwiti bil-kliem 'John Cutajar *(Alive)*'.

4. Tordna illi ċ-ċertifikat tat-twelid tal-minorenni Christian Cauchi, markat Dok C, jiġi korrett fis-sens illi fil-kolonna intestata 'Isem u kunjom', il-kliem 'Simone *wife of*

*the said* Francis Cauchi', jiġi sostitwit bil-kliem 'Simone Cauchi nee' Schembri[1] *wife of the said* Francis Cauchi'.

5. Tordna illi ċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-attrici markat Dok F, jiġi korrett fis-sens illi fil-kolonna intestata 'Isem u kunjom' b'riferenza għall-attriċi, il-kunjom 'Schembri' jiġi sostitwit bil-kunjom 'Cutajar'.

6. Tordna illi ċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-attrici markat Dok F, jiġi korrett fis-sens illi fil-kolonna intestata 'Professjoni, sengħa, jew stat ieħor', b'riferenza għal missier l-attrici, il-kelma *'factory-worker'* tiġi sostitwita bil-kelma *'self-employed'.*

7. Tordna illi ċ-ċertifikat tat-twelid tal-attriċi markat Dok E, jiġi korrett fis-sens illi:

a) Fil-kolonna intestata 'Isem u kunjom', isem omm l-attriċi jiġi korrett u ndikat bħala Theresa *wife of* Emanuel Schembri' u mhux Theresa *wife of the said* Emanuel Schembri'.

b) Fil-kolonna intestata 'Professjoni, sengħa jew stat ieħor', il-professjoni ta' missier l-attrici tiġi korretta u indikata bħala *'self-employed'* u mhux *'press operator'*.

tiġi korretta u ndikata bħala '31' u mhux '39'.

d) Fil-kolonna intestata 'Fejn joqogħdu', ir-residenza ta' missier l-attriċi tiġi korretta u ndikata bħala 'Zabbar' u mhux 'Vittoriosa'.

e) Fil-kolonna intestata 'Isem u kunjom il-missier jekk hux ħaj jew mejjet', dawn id-dettalji jiġu korretti u ndikati bħala 'Toni Cutajar *(alive)*' u mhux 'John Schembri *(alive)*'.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut nġunt minn issa għas-subizzjoni.

---

[1] u b'digriet tas-26 ta' Frar 2010 il-kunjom 'Schembr' ġie sostitwit bil-kunjom 'Cutajar'

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fit-13 ta' Ottubru, 2009 li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* **tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi preliminarjament ukoll jidher opportun għall-integrita u għall-aħjar riżoluzzjoni ta' din il-kawża li t-tliet ulied minorenni ossia Amelia, Christian u Mariel Cauchi jkunu lkoll kompartecipi f'dawn il-proċeduri bħala rikorrenti u dan għaliex parti mill-azzjoni odjerna hija ntiża biex twettaq korrezzjonijiet fl-atti tat-twelid rispettivi tagħhom. Kwindi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta r-rikorrenti Simone Cauchi għandha titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex issir korrezzjoni fl-okkju tal-kawża fis-sens li hi tiġi awtorizzata li barra li tidher fil-kapaċita tagħha personali tidher ukoll bħala rikorrenti għan-nom u in rappreżentanza tat-tliet uliedha li huma minorenni;

3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent ma jsib l-ebda oġġezzjoni biex isiru t-tibdiliet rikjesti minnha fir-rikors maħluf salv dejjem li l-esponenti m'għandux jeħel għall-ispejjeż ta' din il-kawża ġaladarba l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tiegħu;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Novembru 2009 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta’ ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi hija ġustifikata mid-dokumenti esebiti. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għall-iżball u ma għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa’ t-talbiet attriċi kif korretti.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------